MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1427/2000/1

**Marie Louise sive Marisa Camilleri**

**vs**

**Mario Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ic-celebraw iz-zwieg taghhom fit-tlettax ta' Novembru elf disa' mija u sitta u sebghin (13.11.1976) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok.A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Elisa li llum moggorenni u Vittorio li ghadu minuri.

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut fosthom adulterju, sevizzi, minaccji, vjolenza, eccessi u

ingurji gravi fil-konfront tal-attrici u inkompatibilita` ta' karattru bejn il-partijiet;

Illi l-konvenut kien vjolenti matul iz-zwieg kollu.

Illi l-konvenut ilu ghal zmien twil f'relazzjoni intima ma' mara u dan waqt iz-zwieg.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kopja tad-digriet hawn annessa bhala Dok.B;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorobbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a menso et thoro* bejn il-partijiet bi htija unikament tal-konvenut minhabba ir-ragunijiet fuq premessi;

2. Tafda lill-attrici l-kura u kustodja ta' uliedhom minorenni Vittorio;

3. Tiffissa u tordna lill-konvenut ihallas ghat-tifel minuri u ghall-attrici manteniment kif jidrilha xieraq din il-Qorti;

4. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parte d-diposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tol-Kodici Civili;

6. Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni minn Nutar nominadi f'data li tigi ffissata ghall-iskop;

7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta l-konvenuta *(korregge: konvenut)* fl-eventwali kontumacja tieghu *(korregge: taghha)* fuq l-att ta' divizjoni relattiva;

8. Tawtorizza lill-attrici tghix f'wahda mill-proprjetajiet li jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti ad eskluzjoni tal-konvenut.

9. Tawtorizza lill-attrici terga' tiehu kunjum xbubita.

Bl-ispejjez komprizi dawk tad-Digriet tas-Sekond' Awla u tal-proceduri quddiem dik il-Qorti tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1948/00 tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2407/00 kontra l-konveut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tal-25 t'Awissu 2002 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 11 sa 15).

Rat li l-konvenut Mario Camilleri debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza baqa' ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea biex tigbor il-provi, tad-19 ta' Settembru 2001 u tad-9 ta' Jannar 2002.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-nota ta' Mario Camilleri tas-27 ta' Frar 2002 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' Catherine Guillaumier u ta' Claudia Agius.

Rat in-nota tal-attrici Marie Louise sive Maris Camilleri tal-4 ta' Marzu 2002 fejn permezz taghha prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tas-27 ta' Marzu 2002, tat-13 ta' Gunju 2002 fejn xehed il-Marixxall Andrew Griscti u l-kawza giet differita ghal decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-24 ta' Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. LIGI U GURISPRUDENZA

Illi skond l-**Artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **Artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f' idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha".*

Illi din il-Qorti gia kellha l-opportunita li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et" (Citaz. Nru 1302/97/RCP)** deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri tal-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li minn naha wahda il-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u minn naha l-ohra "ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm *'il-culpa'* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* **(Appell. "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici")** deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet" (**P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451.) sostniet li **l-Artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippistula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna interessata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevieh, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut – dan ibbazat fuq il-principju li "*jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*".

Illi infatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

"*Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b' mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da*

*parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … … … anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Illi dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philippov vs Paul Stoner f' ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Citazzjoni Numru 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998) u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** (JSP deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*".

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).

"*Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti insenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (vide **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza 21.4.1999 – Citazzjoni Numru 2409/97/RCP).

## B. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ IN EZAMI

Illi din id-decizjoni tirrigwarda talba maghmula mill-konvenut Mario Camilleri fejn qed isostni li hu ma kienx jaf bic-citazzjoni attrici u fil-fatt qatt ma gie notifikat biha tant li qed jallega li kien id-difensur tieghu li nfurmah bl-istess kawza, ghalkemm qed jghid "*li jirrizulta li hemm notifika tieghu fil-process".* Illi ghalhekk qed jitlob li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u dan permezz ta' rikors tat-3 ta' Dicembru 2001.

Illi fir-risposta taghha l-attrici qed issostni li ghandha dubju dwar dak li qed jiddikjara l-intimat anke peress li mir-riferta tal-Marixxall jirrizulta li l-istess konvenut gie notifikat personalment.

Illi l-Qorti rat f'dan il-kuntest id-digriet taghha tat-12 ta' Frar 2002 fejn ordnat lir-rikorrenti jipprezenta x-xhieda tieghu dwar in-notifika tac-citazzjoni fi zmien 30 gurnata mid-data tal-istess digriet bin-notifika tal-kontro-parti li jkollha 30 gurnata biex tirrispondi permezz tal-affidavits taghha u halliet ir-rikors biex isiru l-kontro-ezami u finali trattazzjoni ghas-27 ta' Marzu 2002.

Rat l-affidavits **tal-konvenut** esebiti b'nota tas-27 ta' Frar 2002 fejn il-konvenut fl-affidavit tieghu qed isostni li huwa dejjem prova jsolvi l-problemi matrimonjali b'mod bonarju anke meta l-attrici telqet mid-dar, izda dan kien kollu ghal xejn. Illi kkonferma li sar jaf bil-kawza biss meta nfurmah l-Avukat Dr Peter Fenech li martu kienet prezentat kawza kontra tieghu wara li huwa kien ser jipprezenta citazzjoni ghan-nom tieghu. Illi sostna wkoll li huwa qatt ma gie notifikat nonostante r-riferta li hemm fil-process datata l-1 ta' Marzu 2001. Hu qal illi huwa joqghod fil-fond Nru 4, Flat 6, White House Mansions, Triq Mountbatten Hamrun, mentri c-citazzjoni giet notifikata fil-fond 6, White House Mansions, Mountbatten Street, Blata l-Bajda.

Illi hemm l-affidavits ukoll ta' **Catherine Guillaumier** u **Claudia Agius** li t-tnejn sostnew li huma jahdmu mas-socjeta` ITC Ltd u li huma qatt ma rcevew ic-citazzjoni relattiva fl-ufficju taghhom - fejn l-istess konvenut jahdem,

u partikolarment dan jghodd ghal dak li xehdet Catherine Guillaumier li kienet is-segretarja personali ta' l-istess konvenut.

Illi min-naha taghha **l-attrici** sostniet fl-affidavit taghha tas-27 ta' Frar 2002 li hija kellha access ghad-dar matrimonjali fi Gwardamangia u li ghal habta ta' Marzu 2001 hija kienet id-dar taghha u l-konvenut mar fuqha b'certa hlewwa biex tirranga mieghu. Sostniet ukoll:

*"... xi gimgha wara niftakar carament li meta mort id-dar matrimonjali biex nara lil binti, jien rajt fuq l-mejda tal-kcina c-citazzjoni li prezentajt quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghas-separazzjoni personali. Jien fil-fatt qbadtha f'idejja u ergajt qrajta. Dak il-hin kont qeghda nikkontempla jekk niehux foto-kopja taghha peress li l-avukat tieghi ma taghtnix kopja"*.

"*Hekk kif kont qeghda naqraha dahal il-konvenut u qalli xi diskors u ghamel xi gesti fis-sens li ser jinjoraha u mhux ser jaghti kasha – il-kliem ezatt ma niftakrux peress li ghadda z-zmien*. *Meta qalli dan id-diskors kellu dahka sarkastika li taghni x'nifhem li ma kienx qed jikwieta li rcieva c-citazzjoni. Il-konvenut mar jinhasel u jien tlaqt l'hemm".*

Illi mix-xhieda tal-**Marixxall Andrew Grixti** fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2002 sostna li huwa jikkonferma r-riferta in konnessjoni mac-citazzjoni attrici u kkonferma wkoll li kif hemm indikat fl-istess riferta *a tergo* ta' fol 17 tal-process huwa kien ta l-istess citazzjoni personalment lill-konvenut fi G'Mangia.

Illi minn dan kollu jirrizulta li c-citazzjoni attrici giet debitament notifikata lill-konvenut personalment u inghatat lilu mill-Marixxall f'idejh personali u dan l-istat ta' fatt jinsab ghal kollox ikkonfermat mix-xhieda tal-istess Marixxall Andrew Grixti li xehed b'mod skjett u deciz u wkoll mill-istess riferta ghac-citazzjoni attrici *a tergo* ta' fol 17 tal-process.

Illi l-istess citazzjoni giet notifikata direttament lill-konvenut u johrog anke car mix-xhieda tal-istess attrici li kkonfermat li hija rat il-kopja tac-citazzjoni notifikata lil zewgha proprju fir-residenza tal-istess konvenut, u li l-istess konvenut ghamilha cara maghha li mhux ser jghati kaz tal-istess citazzjoni kif fil-fatt jidher mill-atti processwali li verament ma tax kaz tal-istess.

Illi jidher li l-konvenut ha d-decizjoni li ha, li jinjora l-istess citazzjoni attrici volontarjament u dan peress li jidher li kien intenzjonat sabiex javvicina lil martu biex tali proceduri b'xi mod jitwaqfu anke bl-attegjament posittiv tieghu lejha li jista' jkun ukoll li kien qieghed jibbaza fuq dan.

Illi abbazi ta' dawn il-provi inkonfutabbli dwar in-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenut ikkonfermati minn dokumenti u xhieda ufficcjali tal-Marixxall tal-Qorti it-tezi tal-konvenut ma hijiex sostenibbli u hija ghal kollox kontradetta minn tali disposizzjonijiet fl-atti processwali.

Illi ghalkemm jidher li d-difensur tal-konvenut ipprova ammirevolment jirranga s-sitwazzjoni tan-nuqqas da parti tal-konvenut dan qatt ma jista' jwassal sabiex il-Qorti tinjora l-komportament tal-istess konvenut fid-dawl tal-fatti tan-notifika fuq esposti, u specjalment it-tezi tal-konvenut li c-citazzjoni qatt ma giet f'idejh ma tistax titwemmen meta kkontrastata bix-xhieda tal-Marixxall innifsu li huwa kien ta c-citazzjoni personalment lill-konvenut, aktar u aktar meta granet wara l-istess citazzjoni skond ix-xhieda tal-attrici kienet ghadha tinsab fir-residenza tal-konvenut.

Illi fid-dawl tal-premess u fid-dawl tal-principji fuq esposti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u li ma rnexxielux jipprova t-talba tieghu biex jiggustifika l-kontumacja tieghu, anzi mill-provi jirrizulta li l-konvenut mexa b'mod traskurat ghall-ahhar jekk mhux ghar minn hekk, u ghalhekk it-talba fir-rikors tieghu tat-3 ta' Dicembru 2001 ghandha tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' r-risposta tal-attrici** tas-7 ta' Frar 2002 **tichad it-talba tar-rikorrenti** u konvenut Mario Camilleri fir-rikors tieghu tat-3 ta' Dicembru 2001 stante li ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikkorrenti u konvenut Mario Camilleri.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Ottubru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Ottubru 2002**